

32006D0600

L 244/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

7.9.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Settembru 2006

**li tistabbilixxi l-klassijiet ta' prestazzjoni waqt nar minn barra għal ċerti prodotti tal-bini fir-rigward ta' panils mimlija b'kisja doppja tal-metall għall-bjut**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3883)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/600/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(5) Il-livell ta' dik il-limitazzjoni jista' jkun espress biss f'termini ta' livelli differenti ta' reazzjoni għan-nar fl-esekuzzjoni tal-prodotti fl-applikazzjoni ta' l-użu aħħari tagħhom.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(6) Permezz ta' soluzzjoni armonizzata, sistema ta' klassijiet ġiet adottata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/671/KE tal-21 ta' Awwissu 2001 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE dwar il-klassifika tal-prestazzjoni waqt nar minn barra ta' soqfa u koperturi tas-soqfa <sup>(3)</sup>.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri marbuta mal-prodotti ta' bini <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari ma' l-Artikolu 20 (2) tagħha,

(7) Fil-każ ta' ċerti prodotti tal-bini, huwa meħtieġ li tintuża l-klassifikazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni 2001/671/KE.

Billi:

(1) Id-Direttiva 89/106/KEE tippredvi li sabiex jitqiesu l-livelli differenti ta' ħarsien għal xogħlijiet ta' bini fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, jista' jkun meħtieġ li jkunu stabbiliti, fid-dokumenti interpretattivi, klassijiet li jikkorrispondu mar-reżistenza tal-prodotti fir-rigward ta' kull ħtieġa essenzjali.

(8) Il-prestazzjoni ta' xi bjut u ta' xi koperturi tal-bjut fil-każ ta' nar minn barra, fil-klassifika prevista fid-Deċiżjoni 2001/671/KE, hija stabbilita tajjeb u magħrufa biżżejjed mar-regolaturi tan-nar fl-Istati Membri bil-konsegwenza li m'għandhomx b'żonn ta' ittestjar għal din ir-reżistenza karatteristika partikolari.

(2) Dawn id-dokumenti kienu ppubblikati bħala l-“Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dokumenti interpretattivi tad-Direttiva 89/106/KEE <sup>(2)</sup>”.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

(3) Fir-rigward tar-rekwiżit essenzjali ta' sigurtà f'każ ta' nar, id-dokument interpretattiv Nru 2 jelenka numru ta' miżuri inter-relatati li flimkien jagħtu definizzjoni ta' l-istrateġija tas-sigurtà kontra l-ħruq li ser tiġi żviluppata b'modi differenti fl-Istati Membri.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-prodotti ta' bini u/jew materjali li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-karatteristiċi ta' reżistenza għal nar estern mingħajr il-b'żonn ta' aktar ittestjar huma mniżżla fl-Anness.

(4) Id-Dokument Interpretattiv Nru 2 jidentifika waħda minn dawk il-miżuri bħala l-limitazzjoni tal-ġenerazzjoni u tat-tifrix tan-nar u tad-duħħan f'żona partikolari billi jillimita l-potenzjal tal-prodotti tal-kostruzzjoni biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp sħiħ ta' nar.

## Artikolu 2

Il-klassijiet speċifiċi li jridu jkunu applikati għal prodotti differenti tal-bini, skond il-klassifika ta' reżistenza għan-nirien esterni adottata fid-Deċiżjoni 2001/671/KE huma mniżżla fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nu 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 62, tat-28.2.1994, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 235, ta' l-4.9.2001, p. 20.

*Artikolu 3*

Il-prodotti, fejn ikun rilevanti, se jitqiesu skond l-applikazzjoni ta' l-użu aħħari tagħhom.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar l-4 ta' Settembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Günter VERHEUGEN

*Viċi-President tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

It-tabella li tidher f'dan l-Anness telenka l-prodotti ta' bini li jissodisfaw it-talbiet kollha tar-reżistenza karatteristika tar-reżistenza għan-nar estern mingħajr bżonn ta' ittestjar.

Tabella 1

KLASSIJET TA' REŻISTENZA GĦAN-NAR ESTERN TAL-PANILS MIMLIJA B'KISJA DOPPJA TAL-METALL GĦALL-BJUT

Prodott <sup>(1)</sup>	Detalji tal-prodott	Il-materjal ċentrali b'densità minima	Klassi <sup>(2)</sup>
Panils b'kisja doppja ta' l-azzar galvanizzat jew ta' l-aluminju għall-bjut	Skond l-EN 14509 <sup>(1)</sup>	PUR 35 kg/m <sup>3</sup> jew	B <sub>ROOF</sub> (t1)
		MW (fuljetti) 80 kg/m <sup>3</sup> jew	B <sub>ROOF</sub> (t2)
		MW (twavel <i>full width</i> ) 110 kg/m <sup>3</sup>	B <sub>ROOF</sub> (t3)

<sup>(1)</sup> Panils b'kisja esterna tal-metall bi profil li jinkorporaw:

- bi ħxuna minima ta' 0,4 mm għall-kisjiet ta' l-azzar u ta' l-azzar galvanizzat;
- ħxuna minima ta' 0,9 mm għall-kisjiet ta' l-aluminju;
- f'kull ġonta lonġitudinali bejn żewġ panils trikkib tal-metall bi profil estern li jestendi minn naħa għall-oħra tar-ras u minimu ta' 15-il mm san-naħa opposta tar-ras, jew kappa tal-metall li tiksi kompletament ir-ras tal-ġonta, jew kument imtella' wieqaf matul il-ġonta;
- f'kull ġonta transversali bejn iż-żewġ panils trikkib tal-metall bi profil estern li jkollu ta' l-anqas 75 mm;
- kisja protettiva kontra l-elementi li tikkonsisti f'żebgħa ta' PVC li hija applikata b'likwidu li għandha ħxuna ta' kisja niexfa massima nominali ta' 0.200 mm, PCS li mhux akbar minn 8,0 MJ/m<sup>2</sup> u massa niexfa massima ta' 300 g/m<sup>2</sup>; jew kwalunkwe kisja irqiqa ta' żebgħa inqas minn ta' fuq;
- reazzjoni minima għall-klassifikazzjoni tan-nar ta' D-s3, d0 mingħajr protezzjoni tat-truf skond EN 13501-1;

<sup>(2)</sup> Il-klassi kif prevista fl-iskeda ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2001/671/KE.

Is-simboli li ntużaw: PUR = polijuretejn; MW = suf minerali PVC = klorur polivinil; PCS = potenzjal kalorifiku gross.